MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2013

Numru. 807/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR FRANKIE SAMMUT**

**VS**

**SHARON GRECH**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Sharon Grech, detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 452984M.

**Akkuzata talli:**

Nhar it-3 ta` April 2013 u jew fil-granet ta` qabel din id-data, gewwa Bormla, iffalsifikat xi biljett tal-flus, jew mexxiet biljett tal-flus falsifikat li kienet taf li hu falsifikat;

U aktar talli, fl-istess perjodu ta` zmien, lok, u cirkostanzi, minghajr awtorita` legali jew minghajr skuza, legittima jew ragonevoli, xtrat jew irceviet minghand xi persuna, jew kellha fil-kustodja jew pussess taghha, biljett tal-flus falsifikat li kienet taf li l-istess kien iffalsifikat.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta` htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta` spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta` esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Rat id-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda mressqa u rat il-provi prodotta;

Wara li rat l-Artikolu 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta` Malta;

**Ikkunsidrat:**

In ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputata ghall-imputazzjonijiet lilha addebitati mill-prosekuzzjoni ma jhallu l-ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lil imputata hatja kif akkuzata. Fir-rigward tal-piena l-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz specjalment l-kooperazzjoni tal-imputata mall-awtoritajiet investigattivi, l-fedina penali retta taghha u l-fatt illi qeghda turi r-rieda tajba u *buona volonta* taghha billi ghadejja minn programm residenzjali temmen illi piena karcerarja effettiva m'ghandiex tinghata f'dan il-kaz.

Ghaldaqstant filwaqt li din il-Qorti tiddikjara li ghandha idejha marbuta bil-ligi kif inhi illi piena karcerarja hija necessarja izda temmen illi fil-kaz tal-imputata dina ma ssehx ghaliex ma tinkuraggijiex li tkompli bil-programm, qeghda tikkundanaha ghal terminu ta` prigunerija ta` sentejn (2) sospizi ghal tliet (3) snin izda tordna li a tenur tal-artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta Malta din is-sentenza ma tibdiex issehh.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------